MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 375/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Gordon Agius**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija tmienja u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (LM528.85) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1008876 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju, 2006 u Dicembru, 2006.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar, 2007 dawk tal-mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl- imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fil-1l ta' Gunju, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------